# HAL GHARGHUR U SAN GIRGOR

Skond l-Istoriku Faure' fis-sena 585 waqa' biża kbir fil-gżejjer tagħna għax il-flotta tal-Longobardi bdiet ta' spiss tidher u thedded dawn il-gżejjer. Il-Papa Gregorju qanqal lil Maltin biex jagħmlu devozzjonijiet u proċessjonijiet biex jaqilgħu il-grazzja li jeħilsu minn invazjoni. I-Isqof Trajano hekk għamel. Meta l-Papa Gregorju miet u sar qaddis il-Maltin aktar saru spirati biex jitolbuh il-grazzji f'xi flaġell u biex jeħlishom mill-invażjonijiet. Dan kien l-ewwel bidu tad-devozzjoni li l-Maltin kellhom lejn San Girgor.

Din id-devozzjoni kompliet tikber matul is-sekli u skond l-istoriċi Pirri u Abela fis- sena 1095, l-Isqof ta' Malta Mons. Biraldo ħa sehem fi proċessjoni ta' San Girgor li bdiet issir b'wegħda minħabba xi flaġell li sofrew dawn il-gżejjer. Hemm min isostni li din il-wegħda kienet saret minħabba l-pesta, min jgħid li kien sar nawfraġju fl-armata Torka li ħelset il-Gżejjer tagħna minn invażjoni, min għal xi terremot u min minħabba tempesta kbira. L-ewwel darba li saret din il-proċessjoni fl-1095 kien fil-jum stess ta' San Girgor.

Il-wegħda kienet li filgħodu kmieni jingħata s-sinjal mill-knisja Kattidrali lill-kneżjes tal-Gżira kollha sabiex jitilqu u jinġabru f'Misraħ imsejjaħ tal-Gherien', illum Raħal Ġdid. Minn hemm tibda l-proċessjoni lejn ir-raħal ta' Bisqallin, illum iż-Żejtun, għall-knisja ta' Santa Katerina fejn kien hemm kwadru dedikat lil San Girgor Papa, protettur tal-Gżejjer tagħna u f'dik il-knisja kull parroċċa kienet issellem u tgħajjat tlett darbiet 'misericordia'. L-ewwel darba li saret din il-proċessjoni l-Isqof Biraldo mexa ħafi mill-knisja tal-Kattidral sal-knisja ta' Santa Katerina.

Matul is-sekli biża' ta' invażjoni ma kien jaqta' qatt. U ma' dan il-biżà kompliet dejjem tikber id-devozzjoni lejn San Girgor, il-Protettur tal-Maltin mill-invażjonijiet. Kien ukoll minħabba f'hekk li ġiet iffurmata d-Dejma li kienet Milizia Nazzjonali obbligatorja u kull min kien ikun tajjeb għall-armi bejn is-16 u l-65 sena kien ikollu jservi fiha. It-tagħlim kien isir kull nhar ta' Ħadd u festa u kull min jonqos kien ikollu jħallas multa minn karlin sa irbagħjejn.

L-ikbar periklu kien ikun fis-sajf u għalhekk qatt ma kienu jaqtgħu l-għases max-xtut. Fl-1427 saret invażjoni minn 18,000 Barbareski li ħallew ħerba kbira. Fl-1520 għaxar xniebek Torok sbarkaw fix-xtut tal-Mellieħa u ssakkeġġaw u karkru kull ma sabu fir-raħal u fl-irħula l-oħra minn fejn għaddew. Minħabba dawn l-attaki n-nies kienu jibżgħu joqogħdu f'postijiet qrib ix-xtajta u fejn kienu joqogħdu qrib il-baħar dan kien ikun għax il-post kien ikun xi għolja li kienet tassew ta' protezzjoni minn xi attakk għall-għarrieda. Għalhekk in-nies kienet tagħżel li toqgħod f'xi post fil-għoli bħal Għargħur, Naxxar, Rabat, Mdina, Dingli, Tartarni, Għakrux, Bidni u Fuqani.

Iżda xorta meta kien ikun hemm il-biża ta' xi attaki l-ewwel ma kienu jitbattlu kienu l-irħula qrib il-baħar. Il-Għargħur sofra ħafna minn dan għax spiss kien ikun il-mira ta' attaki li kienu jħallu ħerba kbira. Xhieda ta' dan huma r-riferenzi f'ħafna dokument għal postijiet bħala ħerba jew ħrejba. Hekk fl-1527 insibu il-Ħrejbiet fil-Magħtab u fl-1542 insibu dokumenti li jirreferi għall-Ħrejba: għalqa f'Raħal Samut. Fl-1545 insibu il-Ħrejbiet tal-Bir fix-Xwieki u fl-1593, fl-atti tan-Natar De Lucia insibu il-Ħrejba· tax-Xiħ li kienet għalqa b'dar inħarbta magħha - dak li kien fadal minn attakk tal-furbani.

F'din il-klima ta' biża f'Ħal Għargħur insibu dokument li juru li d-devozzjoni lejn San Girgor kienet kbira. Kien hemm kappella ta' San Girgor li kienet mibnija f'għalqa li kienet ukoll magħrufa bħala ta' San Girgor li kienet ġiet imħollija lill-istess kappella. Fit-tnax ta' Marzu ta' kull sena, jum San Girgor, kienet issir quddiesa f'din il-kappella. Fl-1615 meta l-Isqof Baldassare Cagliares għamel Vista Pastorali fir-raħal, dan mar iżur il-kappella u sab li kellha "kull ma hu meħtieġ". Il-Prokuratur tagħha kien ċertu Marku Bezzina. Fl-istess Vista l-Isqof Cagliares jiddeskrivi kif fil-knisja Parrokkjali kien hemm artal dedikat lil San Girgor li lejh kien hemm devozzjoni kbira.Kien hemm ukoll il-Fratellanza ta' San Girgor li fl-1615 kellha erbatax-il membru.

Aktar informazzjoni nsibuha fil-Vista tal-Isqof Alpheran fl-1744. Sa dan ittant il-kappella ta San Girgor kienet ġiet profanata fl-1618, iżda d-devozzjoni lejn dan il-Qaddis fil-knisja Parrokjali kien għadha kbira. Fid-deskrizzjoni ta' din il-Vista nsibu aktar informazzjoni fuq l-artal ta' San Girgor. Il-pittura ta' dan l-artal kienet turi l-Madonna bit-tifel Ġesù u lil Sant Andrija u San Girgor Papa flimkien ma' Sant Antnin ta' Padiva u Santa Rosalia. Insibu li dan l-artal kellu għalqa li kienet fi sqaq il-Ħarub u kienet magħrufa bħala ta' Ġanni. Il-quddiesa li qabel kienet issir nhar San Girgor fil-kappella tiegħu issa kienet issir fl-artal ta' San Girgor fil-Parroċċa. Fil-knisja Parrokkjali kien hemm ukoll il-pittura ta' San Girgor li giet imtellà fil-Parroċċa wara li l-kappella kienet ġiet profanata. Quddiem din ix-xbieha kienet tinxtegħel lampa mill-flus li kienu jidħlu mill-għalqa fejn kienet mibnija din il-kappella.

Skond il-Profssur Godfrey Wettinger l-isem Għargħur x'aktarx ġej mill-isem Girgor u hu isem ta' oriġini Kristjana u x'aktarx ukoll li dan ġej bħal dak ta' ħafna rħula oħra Maltin mill-isem ta' l-ewwel persuna li kienet tgħammar fir-raħal. Min jaf għadx jinstabu xi dokumenti li juru li dan Girgor ma kien ħadd ħlief San Girgor li tiegħu tant insibu devozzjoni kbira fiż-żminijiet bikrija.

FRANCIS PACE B.A.